# Il-Greenfields, tul ix-xejriet mużikali

**Eric Montfort**



The Greenfields huwa wieħed mill-gruppi pjuttost bikrija li kellna fil-qasam tal-folk Malti. Meta bdejna naraw kuxjenza favur ilsien pajjiżna, u iktar drittijiet għall-ħaddiem f'nofs is-snin sittin, kienu grupp ta' żgħażagħ, ħafna minnhom poeti u awturi, kif ukoll grupp ta' mużiċisti li ispirati minn dak li kien qed jiġri fl-Ewropa, kif ukoll permezz tal-mużika u l-messaġġi t'artisti bħall-Beatles u Bob Dylan, li bdejna naraw il-folk Malti jiżviluppa u jitħallat mal-mużika pop ta' dak iż-żmien. Kellna lil Manwel Mifsud, Vanni Pule u ftit wara gruppi reliġjużi bħal The Good News Singers, u ftit wara ġew The Greenfields, li għadhom magħna sal-lum. Kelli ċ-ċans li nitkellem ma' Joe Tanti dwar il-bidliet li għaddew minnhom tul is-snin, kif ukoll ir-rabta tagħhom mal-Ħamrun u l-każin tal-Banda San Ġużepp.

**Kif iltqajtu flimkien? Kif ifforma l-grupp?**

Joe kien joħroġ ma' Carmen, u Charles kien ħabib ta' Joe li kienu jmorru l-Azzjoni Kattolika flimkien (il-Lega). Kien għal ħabta ta' Marzu 1970, li Dun Ġużepp Pace li kien għadu jilħaq qassis avviċina lil Joe biex jgħaqqad grupp ta' żgħażagħ għax kellu f'moħħu jibda quddiesa bil-kitarri fil-Ħamrun. U Joe għażel lil Charles (Bajada), lil Carmen (Vella), lil Lino Buttigieg u xi żewġ żgħażagħ oħra biex jibdew din il-quddiesa kull nhar ta' Ħadd għand il-Little Sisters of the Poor, Pjazza Fra Diegu.

Wara l-ewwel ftit quddies ġew biex ixandruha tal-Malta Television. Waqt li konna qed nitkellmu fuq kikkra kafè wara l-quddiesa Fr Charles Vella (tal-Moviment ta' Kana) issuġġerilna li ma nibqgħux biss inkantaw għall-quddiesa, u stedinna għal programm fuq Television Malta għal ħabta tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-anqas isem ma kellna. Fuq l-MTV (dak iż-żmien) illum TVM, deherna għall-ewwel darba taħt l-isem Youth Praise Singers. Kien hawn li ddeċidejna li niffurmaw trio, Joe, Carmen u Charles, u aktar tard semmejna l-grupp The Greenfields.

**Kif tiddeskrivi x-xena tal-folk u l-pop fi żminijietkom issa li ilkom kważi 50 sena minn mindu bdejtu?**

Minbarra l-għana, il-mużika Maltija kienet tikkonsisti minn xi makjetta bil-Malti. Iżda x-xena mużikali pop f'Malta kienet qawwija ħafna! Kienu popolari ħafna il-kanzunetti internazzjonali tal-gruppi u kantanti tas-sittinijiet u sebgħinijiet, kemm Ingliżi, Amerikani u Taljani. Saħansitra kien hawn diversi gruppi li kienu jkantaw u jdoqqu din it-tip ta' pop music. Kien għalhekk li l-Greenfields iddeċidejna li nibdew

inkantaw il-folk, għax hawn Malta kien għadu ħadd ma ħareġ bl-idea ta' kanzunetti fuq dan l-istil u ħassejna li kien hemm vojt u lok għalihom.

**Il-mużika tagħkom kienet minn tal-ewwel li għaqqdet il-pop malti mal-mużika tradizzjonali folk anke fis-suġġetti li kontu titkellmu dwarhom – il-Banda t'Indri Ċeklem Ċeklem u l-Vapur tal-Art.**

Iva, fil-fatt wieħed mill-ewwel programmi li kellna fuq MTV, kien il-programm Folklobeat. Dan kien taħlita ta' mużika folk u pop. Il-kanzunetti folk kollha barranin, kantajnihom il-Greenfields, u l-pop interpretawhom il-Malta Bums.

Wara li rajna, smajna u kantajna ħafna mużika folk popolari mill-Irlanda, l-Iskozja, l-Ingilterra, l-Italja, Franza u pajjiżi oħra, indunajna kemm hemm fuqhiex timraħ. Allura sibna awturi Maltin bħal George Stevens, Charles Coleiro, Kilin, Charles Flores, Paul Caruana, u oħrajn flimkien ma' kitbiet ta' Joe u Charles stess li ħajjarnihom jiktbulna l-lirika biex nagħmluhom kanzunetti. Il-fatt li ksibna popolarità malajr fuq it-televiżjoni għenitna biex mal-kanzunetti folk ta' pajjiżi oħra li konna nkantraw, bdejna nintroduċu kanzunetti Maltin, bħal Il-Vapur tal-art, Il-Karozzin, Tgħidx Le Katrina, Il-Lift tal-Barrakka u ħafna oħra aktar 'il quddiem.

**Għandkom għal qalbkom id-drama...kemm għenitkom fil-mużika li tħobbu tant tinterpretaw?**

Carmen id-drama tħobb taraha imma mhux tinterpreta xi parti, mentri kemm Joe u kemm Charles mhux l-ewwel darba li ħadu sehem f'teatrini u drama. Fil-fatt, id-drama u l-kant dejjem imxew id f'id hawn Malta. It-teatrini fi żmienna kienu popolari ħafna u l-Greenfields konna spiss inkunu parti minn programmi ta' drama li t-tieni parti tal-programm tkun mużikali. Bħala għaqda tal-mużika tal-Greenfields mad-drama nista' nsemmi Il-Ballata ta' San Girgor, xogħol drammatiku bil-mużika ta' Joe, li kien ittella' f'April 1993 ħdejn il-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun, kif ukoll ir-rock opera Kristu fuq kliem ta' Toni Abela (illum Imħallef) u mużika ta' Joe ukoll, li fiha esperimenta bil-mużika folk/rock li ttellgħet f'diversi teatri fl-1983 u 1984, mill-Folk Mass Group tal-Ħamrun.

**Il-Ħamrun huwa minsuġ magħkom u partikolarment il-Każin San Ġużepp. Kemm kien importanti l-Ħamrun fl-iżvilupp tal-karriera tagħkom?**

Il-Ħamrun huwa minsuġ magħna b'mod naturali ħafna. Aħna t-tlieta konna mwielda l-Ħamrun għalhekk inħossu ruħna bħala Ħamruniżi puri. Il-Ħamrun kien il-post minn fejn tlaqna. Kellha tkun dik il-folk mass li ħareġ biha Dun Ġużepp Pace eks Kappillan tal-Ħamrun li bdiet



*Kunċert tal-festa 2015 li fih il-Greenfields kienu akkumpanjaw il-Banda San Ġużepp.*

il-Greenfields. Però r-rabta mal-Hamrun dejjem hemm kienet. Ma kienx ikun hemm attività jew show il-Ħamrun li l-Greenfields ma kinux jiġu mistiedna u fil-maġġoranza assoluta gratis. Kemm il-darba semmejna u tkellimna fuq il-Ħamrun fi programmi tar-radju u t-televiżjoni matul is-snin? Kemm il-darba ħadna sehem f'kunċerti mal-baned San Ġużepp u San Gejtanu tal-Ħamrun? Kemm tajna sehem kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħamrun Spartans meta telgħu Premier (dak iż-żmien l-Ewwel Diviżjoni) fl-1976, meta saħansitra ktibna u rrekordjajna l-kanzunetta Fil-Ħamrun Fejn Twelidt fuq Side B tal-Innu Ħamrun Spartans.

Mal-każin San Ġużepp, bħala Ġużeppini, ħadna sehem f'għadd ta' attivitajiet organizzati mill-każin, u Joe, partikolarment, baqa' attiv bħala konsulent maż-żgħażagħ u anki fil-kumitat għal xi snin. Li nista' ngħid hu li naħseb m'hawn ħadd f'Malta li ma jafx li l-Greenfields huma mill-Ħamrun, u din titkellem waħidha!

**Illum hemm qawmien mill-ġdid fil-folk Malti u għandna ħafna gruppi Maltin li qed jerġgħu iduru lejn din it-tip ta' mużika u jimprovizzawha. Kif thares lejn dan?**

Iva, llum reġa' hawn qawmien ġdid tal-mużika speċi ta' folk Maltija. Forsi nippreferi ngħid tal-mużika bil-Malti, milli tal-folk Malti. Għalkemm il-kliem huma bil-Malti, il-ħoss mhux Malti imma aktar modern, naqra rock, naqra pop, naqra hip hop, naqra reggae eċċ. Ngħid għalija, jogħġbuni dawn it-tip ta' esperimenti, u naħseb li l-maġġoranza tal-Maltin dawn il-kanzunetti jieħdu gost bihom ukoll. Meta titkellem fuq il-folk tista' ssemmi Il-Karozzin, il-Ferrovija ta' Malta, It-Terramaxka, u affarijiet oħra tal-imgħoddi. Imma tista' ssemmi użanzi, drawwiet u mod ta' għejxien tal-lum, illi fi ftit żmien, malajr isiru tal-imgħoddi wkoll! Fil-fatt, ftit ilu, konna ma' grupp minnhom, The Travellers f'Kelma Kelma, Nota Nota, fit-teatru mwaqqa', fid-daħla tal-Belt, u tgħidx kemm ħadna pjaċir bil-kumpanija ta' xulxin u qsamna ħsibijiet u ideat minkejja l-qabża bejnietna fl-etajiet!

**Min-naħa l-oħra hemm ħafna aljenazzjonijiet illum il-ġurnata li jistgħu jtellfu l-apprezzament tal-mużika. Taħseb li vera dan u kemm taħseb li l-mużika m'għadhiex dak li kienet?**


*Il-Greenfields flimkien ma' The Travellers.*

Li l-mużika m'għadhiex dak li kienet huwa fatt. Però naħseb din hija sentenza li kull 20 sena tista' tgħidha liberalment. Illum it-teknoloġija bidlet ħafna affarijiet li sa ftit żmien ilu l-anqas konna noħolmuhom. Avvanzajna ħafna f'dak li hu produzzjoni, irrekordjar u ħoss aħħari tal-mużika. Iżda qed inbatu f'dik li hija ikkuppjar u aċċessibbiltà faċli tal-materjal mużikali. Sirna qisu kulħadd jippretendi li jieħu b'xejn, u ftit jew xejn

wieħed għadu japprezza l-isforz li jsir biex jinkiteb il-kliem u l-mużika, provi biex il-grupp jitgħallimha, l-ispejjeż ta' recordings, jew l-ispiża biex tagħmel studio tiegħek u tipproduċi d-diska. Stramba li llum sirna naraw kemm diska tkun sejra tajjeb skont kemm ikollha *likes* fuq il-kompjuter, minflok skont kemm il-kopja tinbiegħ!

Mill-banda l-oħra li kanzunetta tismagħha kull xħin trid int u mhux tistenna xi DJ idoqqhielek fuq xi radju hija tajba u tagħti ħafna promozzjoni lill-kantant jew grupp li rrekodjaha!! U kif ngħidu l-Greenfields "Iż-żmien dejjem għaddej, u ma jistenna xejn..."

Energy Saving 24 x 7
KERK LTD
JABLO MANUFACTURERS
Tel: 21373794 - Mob: 99495864